# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 18 ta' April, 2001**

**Citaz. numru: 3498/96 M2 NA**

**Marija Antonia Baldacchino pro et noe**

**vs**

**Joseph Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-20 ta' Mejju 1999 fejn titlob, ghar-ragunijiet hemm moghtija, illi l-alimenti *pendente lite* li kienu gew akkordati lilha ghaliha u ghal binha minuri ta' Lm35 u Lm25 rispettivament jizdiedu biex hija tkun tista' tlahhaq mal-hajja.

Ghal dan ir-rikors saret risposta mill-intimat fid-9 ta' Awissu 1999 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, jitlob lill-Qorti tichad din it-talba.

Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 1999 xehdet estensivament ir-rikorrenti, li kompliet tixhed fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2000 fejn xehed ukoll l-intimat. L-attrici regghet xehdet fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2000 wara li kienet talbet differiment fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2000. Ir-rikors kien gie ddifferiet ghat-8 ta' Frar, 2001 bil-hin ghall-konkluzzjoni tal-provi, finali trattazzjoni u biex l-intimat igib kopja ta' l-Income Tax Return tieghu kif kien wieghed diversi drabi precedentement. F'din is-seduta d-difensur ta' l-attrici rrimetta ruhu ghall-provi. Id-difensur tal-konvenut talab biex ikun jista' jesebixxi l-kojpa fuq indikata b'nota. Din it-talba giet opposta w il-Qorti ghar-ragunijiet moghtija fil-verbal tas-seduta cahdet it-talba. B'rikors tal-20 ta' Frar 2001 l-intimat, wara li spjega r-ragunijiet l-ghala ma kienx ipproduca d-dokumenti rikjesti, talab li jkun awtorizzat jipprezenta d-dokumenti annessi ma' l-istess rikors li bazikament jirrigwardaw id-dhul tieghu minn impieg ma' kumpanija ghas-snin 1998, 1999 u 2000. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali sejra tammetti dawn id-dokumenti mhux biss ghax kienu gew mitluba minnha stess

pero' wkoll ghax kienu gew mitluba mid-difensur ta' l-attrici u dana apparti peress li dawn id-dokumenti jikkostitwixxu prova, anke favur l-attrici, li hija ma kenitx irnexxielha ggib mod iehor.

Dan qieghed jinghad ghax minkejja illi l-attrici xehdet estensivament f'diversi seduti ma kienet qatt f'posizzjoni illi tindika lill-Qorti anqas approssimattivament x'kien id-dhul ta' zewgha l-konvenut. Ix-xhieda taghha infatti hija immirata principalment, jekk mhux unikament, ghall-bzonnijiet taghha u partikolarment ghal dawk tat-tifel minuri li jbati b'asthma kronika.

Il-Qorti kkunsidrat dawn il-punti saljenti li emergew mill-provi prodotti:

1. L-attrici ma tahdimx u qatt ma hadmet. Fl-eta' li ghandha u bit-tifel bi problemi ta' sahhtu li ghandu l-Qorti ma tippretendiex li ghandha tohrog tahdem issa wara li zewgha telaqha;

2. L-intimat huwa socji f'xi azjendi. Skond huwa dawna ghandhom hafna dejn u qeghdin jitilfu l-flus. Minkejja pero' li

huwa wieghed li jipproduci l-Audited Accounts ta' dawn is-socjetajiet dan ma ghamlux. F'dan l-istadju u ghall-fini biss ta' alimenti *pendente lite* din il-Qorti sejra taccetta x-xhieda guramentata ta' l-istess intimat li l-kumpaniji tieghu ma humiex qed jaqilghu l-flus pero' mhux li dawn qeghdin jitilfu u twissi lill-istess intimat biex jipproduci dawn id-dokumenti fil-prosegwiment tal-kawza proprja;

3. Minkejja dak li stqarr l-istess intimat fix-xhieda tieghu (ara per ezempju a fol. 39 u 40) m'huwiex minnu illi wara li jhallas l-alimenti ma jibqghalu kwazi xejn jew almenu jibqghalu ferm inqas milli jaghti lill-mara u dana konsiderat illi fis-sena 2000 kellu *gross emoluments* ta' kwazi Lm6000 li minn dak iz-zmien regghu zdiedu almenu biz-zieda li inghatat ghall-gholi tal-hajja.

Kunsidrat dawn ic-cirkostanzi kollha, partikolarment il-bzonnijiet specjali tal-minuri w il-fatt illi d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ormai ilu 'l fuq minn erba' snin li inghata l-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-alimenti *pendente lite* pagabbli ghat-tifel minuri billi zziedhom b'ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha minn hamsa u ghoxrin

lira Maltin (Lm25) ghal hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) fil-gimgha.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.